RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 130 tas-17 ta' Mejju 2019)

1. Fil-paġna 29, l-Artikolu 50(1),

minflok: "1. Xorb spirituż li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament iżda li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 u li jkun ġie prodott qabel il-25 ta' Mejju 2021 jista' jkompli jitqiegħed fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.",

aqra: "1. Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament iżda li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 u li ġew prodott qabel il-25 ta' Mejju 2021 jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq sakemm jispiċċaw il- ħażniet.";

2. Fil-paġna 45, l-Anness I, il-kategorija 34, il-punt (d),

minflok: "(d) Il-materja prima użata għandha teskludi prodotti tal-ħalib.",

aqra: "(d) Il-materja prima użata għandha teskludi l-ħalib u prodotti tal-ħalib.";

3. Fil-paġna 46, l-Anness I, il-kategorija 39, il-punt (d),

minflok: "(d) Fil-produzzjoni ta' likur tal-bajd jew *advocaat* jew *avocat* jew *advokat* jistgħu jintużaw prodotti tal-ħalib.",

aqra: "(d) Fil-produzzjoni ta' likur tal-bajd jew *advocaat* jew *avocat* jew *advokat* jistgħu jintużaw il-ħalib u prodotti tal-ħalib.";

4. Fil-paġna 46, l-Anness I, il-kategorija 40, il-punt (d),

minflok: "(d) Fil-produzzjoni ta' likur bil-bajd jistgħu jintużaw prodotti tal-ħalib.",

aqra: "(d) Fil-produzzjoni ta' likur bil-bajd jistgħu jintużaw il-ħalib u prodotti tal-ħalib.".